# AVVIŻI TAL-PARROĊĊA

## 4 TA' NOVEMBRU 2018

# Assemblea Parrokkjali 2018

**It-Tlieta 6 u l-Ġimgħa 9 ta' Novembru fil-Parroċċa tagħna għandna l-Assemblea Parrokkjali li hija**

# Assemblea Parrokkjali 2018

**avveniment importanti fil-ħajja tal-Parroċċa tagħna. Ejjew nieħdu sehem biex bħala familja waħda napprezzaw**

# Assemblea Parrokkjali 2018

**is-sabiħ tal-ħidma ta' xulxin u nirriflettu fuq dak li nixtiequ fil-Parroċċa tagħna. Nistednukom għall-quddiesa tas-6:00pm**

# Assemblea Parrokkjali 2018

**u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna għal ħin ta' kafe' u wara laqgħa bit-tema: "Il-Parroċċa: Familja li tisma' u li timxi" – Papa Franġisku.**

# Assemblea Parrokkjali 2018

**Nixtiequ narawkom matul il-jumejn tal-Assemblea Parrokkjali.**

**Se jkun hemm min jieħu ħsieb it-tfal.**

# Festa San Martin

**Il-Ħadd 11 ta' Novembru wara l-quddiesa tad-9:15am fl-okkażjoni tal-festa ta' San Martin se nkunu**

# Festa San Martin

Qed inqassmu te u kafe' fuq iz-zuntier u tkunu tistgħu tixtru xi affarijiet tal-ikel. Inħeġġu lit-tfal jattendu

# Festa San Martin

**għall-quddiesa tad-9:15am li fiha se ntellgħu xi boroż ta' San Martin u wara niltaqgħu ma' San Martin fuq iz-zuntier.**

# Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità

L-Erbgħa 14 ta' Novembru ser isir irtir organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-ispiritwalità.

# Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ

**Mill-Ġimgħa 16 sal-Ħadd 18 ta' Novembru qed jiġi organizzat**

# Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ

**weekend irtir għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ bl-isem 'Connect',**

# Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ

**ġewwa l-Marsaxlokk Activity Centre, bi tħejjija għall-Avvent. Min huwa interessat**

# Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ

**jista' jieħu karta ta' applikazzjoni mis-sagristija jew ikellem**

# Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ

**lil xi ħadd minna s-saċerdoti jew leaders ta' Youths Marsaskala.**

# Ikla tal Milied

Il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru bħala Parroċċa ser norganizzaw l-ikla tal-Milied fil-Bella Vista Hotel, il-Qawra.

# Ikla tal Milied

Fit-7:45pm nitilqu minn quddiem is-Sala Sant' Anna.

# New Year's Eve Party

**It-Tnejn 31 ta' Diċembru wara l-quddiesa tas-7:30pm ser norganizzaw New Year's Eve Party fis-Sala Sant'Anna.**

# New Year's Eve Party

**Inħeġġukom sabiex iżżommu dawn id-dati liberi sabiex tattendu u biljetti jinxtraw mill-Uffiċċju Parrokkjali.**

# Bazaar

**Fis-Sala San Ġwakkin qed jittella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.**